MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1448/2005

**Untours Insurance Agents Limited ghal Atar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta` Anthony Costantino u l-istess Anthony Costantino**

**Vs**

**Citadel Insurance plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` erba` mitt lira Maltin (Lm400) rapprezentanti bilanc ta` somma akbar bhala danni gejjin minn incident stradali li sehh f'Hal Luqa fl-20 ta` Gunju 2004 bejn vettura bin-numru ta` registrazzjoni KAC541 misjuqa mill-attur Anthony Costantino u assigurata b'polza *comprehensive* mas-socjeta` attrici u vettura bin-numru ta` registrazzjoni

IAR849 misjuqa minn Clayton Psaila u assigurata mas-socjeta` konvenuta u ghal liema incident u ghall-hlas tad-danni assumit responsabbilta` s-socjeta` konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta li biha wiegbet, preliminarjament illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni stante l-ligi dwar l-Arbitraggi. Bla pregudizzju, illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut billi s-socjeta` konvenuta gja hallset kulma kienet tenuta li thallas in konnessjoni mal-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ra li l-ewwel eccezzjoni giet irtirata.

Sema` x-xhieda ta` Anthony Amaira, Natalino Agius u Anthony Mizzi.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Yana Micallef Stafrace ghall-atturi u Dr Philip Magri ghas-socjeta` konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi kif hemm verbalizzat fis-seduta tal-5 ta` Dicembru 2005, il-kwistjoni kollha f'din il-kawza tirrigwarda l-*market value* tal-vettura tal-attur bin-numru ta` registrazzjoni KAC541 qabel l-incident u dan stante illi m'hemmx kontestazzjoni fuq ir-responsabbilta` jew obbligu tas-socjeta` konvenuta li thallas.

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi l-*pre-accident market value* tal-karozza hija elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) mentri s-socjeta` konvenuta tikkontendi li l-*pre-accident value* huwa ta` elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200). Effettivament jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta hallset id-danni kollha hlief din id-differenza ta` erba` mitt lira Maltin (Lm400) liema erba` mitt lira Maltin (Lm400) tifforma l-mertu ta` dawn il-proceduri.

Mill-provi jirirzulta illi l-*insured value* tal-karozza huwa ta` elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600). Skond il-*Motor Vehicles Guide Book* tas-sena 2004 li hareg f' Mejju 2004 (il-kollizjoni sehhet f'Gunju 2004), vettura Volkswagen Polo 5-door hatchback engine capacity 1000cc b'sena ta` manifattura 1996 huwa ta` elfejn lira Maltin (Lm2,000).

Natalino Agius li kien inkarigat mis-socjeta` konvenuta ma ezaminax il-vettura in kwistjoni u xehed biss fuq bazi ta` dokumentazzjoni fis-sens illi huwa ra ritratt ta` vettura Polo hamra li kienet 5-door li kienet *basic* u ma kellhiex *extras* bhal *alloy-wheels* u *central-locking* u l-mudell kien tal-1996. Abbazi ta` ritratt huwa wasal ghall-konkluzjoni li l-*pre-accident value* huwa ta` bejn elfejn lira Maltin (Lm2,000) u elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200).

Anthony Mizzi, inkarigat mis-socjeta attrici, ezamina l-vettura in kwistjoni u fis-*survey report* tieghu a` fol 25 tal-process indika li l-valur tal-karozza huwa elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) pero` l-kumment tieghu huwa li dan huwa s-*sum insured*. Imbaghad fl-istess rapport ghamel indikazzjoni "*extensive damages to front part of car to settle with owner on sum insured Lm2,600*).

Anthony Mizzi m'ghamilx stima *ad hoc* tal-istess vettura izda kkonferma illi meta huwa nnota l-*insured value* ta` elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) u ra l-vettura ma kien hemm xejn fil-kondizzjoni tal-vettura li gibditlu l-attenzjoni li l-*insured value* ma kienx jirrifletti l-*market value* tal-vettura. Mizzi kompla jghid illi kieku l-kondizzjoni tal-vettura ma kinitx kombacjenti mal-*insured value* kien jigbed l-attenzjoni tal-*insurance* izda f'dan il-kaz ma hassx li kellu ghalfejn jigbed tali attenzjoni.

Ghalhekk il-konkluzjoni li tintlahaq wara li wiehed jisma` x-xhieda ta` Mizzi hija illi fl-opinjoni tieghu huwa deherlu li l-valur ta` elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) ghall-vettura li kien ezamina kien valur ragonevoli.

Is-socjeta` konvenuta qeda taghmel hafna enfasi fuq il-valur li ghandu jinghata lil *Motor-Vehicles Guide Book* u partikolarment billi hemm bejn erba` mitt lira Maltin

(Lm400) u sitt mitt lira Maltin (Lm600) differenza minn dak li attwalment hallset is-socjeta` attrici u dak li hemm stipulat fil-*Guide Book* in kwistjoni.

F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza **Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance plc – Appell Civili 2993/2002 deciza fl-4 ta` Mejju 2005** fejn qalet hekk:

“……… kull konsegwenza patrimonjali negattiva ghall-attrici appellanti trid tigi kalkolata skond parametri obbjettivi tas-suq fil-mument tas-sinistru. Minn dan huwa evidenti bosta illi l-valur ta` affezzjoni li wiehed jista` jkollu fir-rigward tal-haga assigurata mhux rizarcibbli;

F’dan m’hemm xejn gdid li ma nsibuhx f’certi disposizzjonijiet generali stabbiliti fil-Kodici Civili relattivi ghall-rizarciment tad-dannu. Disposizzjonijiet intizi biex jiddeterminaw il-*quantum* u l-forma ta` rizarciment. Ad ezempju, l-Artikolu 1135 sa 1138 tal-imsemmi Kodici Civili. Minnhom hu kjarament ovvju illi funzjoni primarja tal-obbligazzjoni ta` rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr, almenu *par equivalent*, tal-qaghda antecedenti ghall-fatt. Dan f’somma li tekwipara l-valur rejali tal-utilitajiet mitlufa jew tal-oggett distrutt. Ara a propositu ‘Antonio Zammit vs Mario Calleja, Appell, Sede Inferjuri, 12/01/1977’”

Illi inoltre ssir referenza ghall-kawza **Michael Micallef Trigona vs Francis Carabott, deciza minn dan it-Tribunal diversament precedut fit-3 ta` Dicembru 2004 (Avviz nru. 1438/04 JR)** fejn dwar l-imsemmi *Guide Book* intqal hekk:

“Skond Joe Grech, ex Chairman tal-Assocjazzjoni tal-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni u li kien fil-Kumitat meta kien inhareg il-*Guide Book* li ghalih saret referenza jirrizulta illi l-iskop principali ta` dan il-*Guide Book* kien ghall-finijiet ta` *underwriting* u mhux ghall-finijiet ta` *claims*, ghalkemm ma jeskludix illi jintuza ghall-*claims*.

Tenut kont ta` dak li qali Joe Grech, it-Tribunal ma jistghax iqis il-*Guide Book* bhala bazi certa ghall-*claim* li ssir, izda ghandu jittiehed il-kaz partikolari, il-kondizzjoni tal-vettura, il-mudell partikolari u kemm hu rikjest fis-suq tali mudell."

Illi ghalhekk huwa evidenti illi ghar-rigward tal-*Guide Book*, ismu jmur mieghu u dan huwa biss ta` gwida u xejn aktar. Inoltre da sar principalment ghal finijiet ta' underwriting. Fil-kaz odjern, minkejja l-gwida kienet tindika mod iehor, l-vettura kienet assigurata ghal elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600).

Illi inoltre, stima fiha nnifisha hija wahda effimera u dipendenti hafna mill-valutazzjoni soggettiva tal-persuna li tkun qed taghmilha. Naturalment il-kondizzjoni tal-vettura, il-*mileage*, il-fatt li kienet ta` *one owner only* huma kollha fatturi li jimmilitaw favur l-atturi.

Iz-zmien tal-vettura pero` jimmilita favur il-konvenut.

Dan it-Tribunal ma giex konfortat bi stima ta` perit tekniku izda ghandu jasal ghall-konkluzjoni tieghu abbazi tax-xhieda mressqa quddiemu u jkollu jistqarr illi fil-fatt, l-unika persuna teknika li ezaminat l-vettura in kwistjoni huwa x-xhud Anthony Mizzi u ghalhekk ix-xhieda tieghu ma tistax tigi leggerment skartata. Kontra din ix-xhieda ghandna opinjoni ta` Natalino Agius mehuda fuq bazi ta` ritratti minghajr ma qies kont tal-*mileage* tal-vettura.

Anthony Mizzi kien sodisfatt illi l-vettura li huwa ezamina, ghalkemm kienet gja mahbuta, kienet tidher li kienet f'kundizzjoni tajba u li ma kien hemm xejn li taghtu f' ghajnu paragonat mal-*insured value* tal-vettura ta` elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600). Huwa jammetti wkoll li jista` jkun hemm certu *lee way* fuq dan il-kalkolu ghalkemm dan il-*lee way* ma jkunx qawwi hafna. Fis-sens illi kieku per ezampju huwa ra l-karozza b' hafna sadid, certament kien jigbed l-attenzjoni tal-assikurazzjoni.

Illi in vista tal-premess, it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba kif dedotta ghandha tigi accettata u dan billi huwa

jhoss illi semplici *Guide Book* u semplici kalkolu abbazi ta` ritratt m'huwiex bizzejjed biex jelghbu opinjoni ta` persuna teknika li ezaminat il-vettura. Il-vettura gdida kienet tiswa aktar minn hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u din il-karozza nzammet kundizzjonata u ma kellhiex hafna *mileage* u ghalhekk huwa accettabli illi wara seba` snin din izzomm il-prezz ta` elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600).

Natalino Agius wkoll indika illi kieku l-vettura kellha certu *mileage* – semma' l-ammont ta` mitt elf kilometru (100,000km) - allura l-karozza tibda jkollha problemi serji u jkollha *depreciation* qawwi.

Fil-kaz odjern, fis-survey report esebit ir-*recorded mileage* huwa ta` tnejn u hamsin elf kilometru (52,000km).

Illi ghalhekk tenut kont tal-premess, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta` erba` mitt lira Maltin (Lm400) bl-ispejjez. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data ta` notifika tal-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------